MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 320/2002/1

**Rikors numru 320/02DM**

**Hi Tech Products Limited**

**Vs**

**Millenium Enterprises Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta’ erbat elef mitejn sebgha u tletin liri Maltin (Lm4,237) dovuti minnha lis-socjeta attrici bhala prezz ta’ diversi prodotti konsistenti f ‘software’ tal-kompjuters u prodotti ohra relatati ma kompjuters mibjugha u konsenjati lilhom mis-socjeta attrici kif jidher mid-diversi fatturi annessi u markati bhala Dokumenti ‘A’ sa ‘F’, liema somma ma thalsitx lis-socjeta attrici stante li c-cekk HSBC bin-numru

tnax (12) datat tlieta (3) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) mahrug minnhom u mghoddi lis-socjeta attrici bhala hlas ta’ l-ammont dovut gie ritornat lis-socjeta attrici mill-bank minghajr ma issarraf u minkejja l-ittra ufficjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar, tas-sena elfejn u tnejn (2002) bl-imghax mid-dati tal-fatturi u bl-ispejjez (inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali) kontra l-konvenuti li gew inguntui ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija konvenuta debitament notifikata ma ikkontestatx it-talba attrici.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat id-dokumenti esibiti u semghet bil-gurament lil Adrian Pace issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma mitluba ta’ erbat elef mitejn seba u tletin lira Maltin (Lm4237) bl-imghaxijiet legali b’effett mit-3 ta’ Jannar 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.